

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fis-27 ta' Diċembru
2019 – SIA “OC Finance” vs Patērētāju tiesību aizsardzības centrs**

(Kawża C-945/19)

(2020/C 137/39)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa (Senāts)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SIA “OC Finance”

Parti oħra fil-proċedura: Patērētāju tiesību aizsardzības centrs

Domandi preliminari

Id-domandi preliminari huma identiċi għal dawk fil-Kawża C-944/19.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fit-3 ta' Jannar
2020 – B**

(Kawża C-1/20)

(2020/C 137/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent fi proċedura ta' reviżjoni: B.

Konvenut: Finanzamt Wien

Domanda preliminari

L-Artikolu 132(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ('), għandu jiġi interpretat fis-sens li s-servizzi mogħtija minn avukat bħala mandatarju ġudizzjarju – sa fejn dawn ma humiex servizzi tipiċi tal-kariga ta' avukat – huma eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud?

(¹) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.